MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 857/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala Rapprezentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Francis Grima u l-istess Francis Grima**

**Vs**

**Joseph Abela**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltija (Lm612) [Lm512 lis-socjeta attrici u Lm100 lil Francis Grima] minnhom sborsati bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li sehh l-Msida fil-5 ta' Lulju 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru JAS 883 habat mal-vettura bin-numru LAF 203, propjeta tal-attur Francis Grima u misjuqa minn Natasha Grima, ghal liema incident jahti unikament il-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm gie debitament notifikat naqas milli jikkontesta l-kawza u jidher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda li ressqu l-atturi [Joseph Mula u Natasha Grima], u minn fejn irrizulta bl-iktar mod inekwivokabbli li l-konvenut huwa unikament hati ta' l-incident tat-traffiku meritu tal-kawza. L-incident huwa wiehed ta' *bumper to bumper* fejn il-konvenut baqa' diehel fil-vettura misjuqa minn Natasha Grima li fil-hin ta' l-impatt kienet wieqfa.

Id-danni reklamati jirrizultaw ukoll gustifikati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u tnax-il lira Maltija (Lm612), bl-imghax kif mitlub.

Spejjez ghak-karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------